**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 606/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Matthew Galea)**

**vs.**

**Nazzareno Grima**

Illum 17 ta' Gunju 2021

Il Qorti:

Rat li tressaq taht arrest lil Nazzareno Grima ta' 61 sena bin Lawrence u Maryxebba Borg, imwieled gewwa Hal-Qormi nhar is-17 ta' Novembru, 1958, u residenti gewwa fond bl-indirizz 64, Memories, Triq Giovanni Barbara, Hamrun detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 764058(M).

1. U akkuzat talli nhar il-31 ta' Diċembru, 2019, ghall-habta tal-ħamsa ta' filghaxija (17:00hrs), gewwa residenza bin-numru 64, sitwata gewwa Triq Giovanni Barbara, Hamrun, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-

hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ haddiehor, u cioe’ hebb ghal martu Stephanie Grima u ghal bintu Martina Grima u kkagunalhom griehi ta’ natura hafifa hekk kif iccertifikati minn Dr. Maria Grazia Grech M.D. (Reg. No: 4425) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana, u dan bi ksur tal-Artikloli 202(h), 214, 215, 221(1) u 222(1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u anke fil-gimghat ta’ qabel insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b’mod iehor lil martu Stephanie Grima u lil bintu Martina Grima, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u anke fil-gimghat ta’ qabel, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor u cioe’ lil martu Stephanie Grima u lil bintu Martina Grima, biza’ li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta’ taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 221(1), u dan bi ksur ta’ l-Artiklu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u anke fil-gimghat ta’ qabel, gab ruhu b’mod li ta fastidju lil lil martu Stephanie Grima u lil bintu Martina Grima b’mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghal dawn il-persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex titratta dan il-kaz bhala wiehed ta' Vjolenza Domestika ai termini tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghndhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Stephanie Grima u Martina Grima jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familja taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuni offiza u l-familja taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza ta' 1 ta' Jannar 2020, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat li fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2020, il-prosekuzzjoni talbet ghal amenda fil-imputazzjoni b'dan illi ix-xhar ta' 'Novembru' ghandu jigi imhassar u sostitwit bix-xhar ta' 'Dicembru'.

Rat illi wara li saret il-korrezzjoni id-difiza ta' l-imputat, fl-istess udjenza ikkonfermat li giet notifikata bl-ammenda fl-imputazzjoni.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar id-29 ta' Settembru 2020.

[1] Folio 6 ta' l-atti processwali
[2] Folio 9 ta' l-atti processwali
[3] Folio 41 ta' l-atti processwali

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar it-22 ta' Ottubru 2020.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u hadet konjizzjoni tan-noti tas-sottomissjonijiet li gew ipprezentati lil-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, kif ukoll ix-xhieda ta' l-imputat li nghatat b'mod volontarju, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta nhar il-31 ta' Dicembru 2019 meta gie rapportat lill-pulizija dwar incident ta' vjolenza domestika gewwa residenza il-Hamrun. Mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li l-imputat kien allegatament hebb ghal martu u bintu meta kien wassal id-dar u kienu fil-kamra tas-sodda u konsegwentement ikkagunalhom griehi hfief.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-6 ta' Frar 2020 xehed **l-Ispettur Matthew Galea**, stazzjonat fl-Għassa tal-Ħamrun, fejn stqarr li fil-31 ta' Diċembru 2019 għall-ħabta tal-

17:00, il-Pulizija tal-Ħamrun irċeviet rapport li kien hemm diżgwid domestiku ġewwa l-indirizz 64, Triq Giovanni Barbara, il-Ħamrun. Fuq il-post marru PS 593 Attard Flores, PC984 Sunez u PC508 Gatt. Kif daħlu sabu lill-imputat Nazzareno Grima fis-sular t'isfel, filwaqt li ġie nnutat li kien ġej xi għajjat mis-sular ta' fuq, fejn kien hemm Stephanie Grima u Martina Grima, il-mara u bint l-imputat rispettivament. Minkejja li kien hemm il-Pulizija fuq il-post, l-imputat kien ghadu qed iġib ruhu b'mod aggressiv. Għalhekk ġie ordnat l-arrest tal-imputat. Wara li rrifjuta li jikkonsulta ma avukat, dan kien ta stqarrija li fiha innega li ħebb għal martu u għal bintu u spjega li jekk dawn għandhom xi ġrieħi dawn ġew ikkawżati mill-kelb li għandhom jew għax ħabtu mal-ħajt waqt l-inċident. Madankollu, l-imputat kien ikkonċeda li dan ma kienx inċident iżolat. Eventwalment ġie ċċertifikat li l-vittmi kienu qed isofru minn ġrieħi ħfief. Ix-xhud kien talab li jsir *risk assesment* mill-Aġenzija Appoġġ, fejn ġie stabbilit illi kemm Stephanie Grima kif ukoll Martina Grima kienu fir-riskju għoli ta' ħsara mill-imputat.

Fl-istess seduta xehdet **Dr Maria Grazia Grech**, adetta mad-Dipartiment of Primary Health Care, li kkonfermat li kienet eżaminat lil Martina Grima u sabet li din kienet qed tbati minn *swelling over the right perietal side of the head, swelling over the right side of the face*, u *scar over the left middle finger*. Il-ġrieħi ġew klassifikati bħala *slight save complications*. Ix-xhud eżaminat ukoll lil Stephanie Grima, fejn sabet li din kellha *abrasion right elbow* u *linear bruise over left middle back*. Hawn ukoll il-ġrieħi ġew klassifikati bħala *slight save complications*.

Fl-istess seduta xehdet **Stephanie Grima**, il-mara tal-imputat. Hija kkonfermat li l-l-inċident mertu tal-proċeduri seħħ fil-31 ta' Diċembru 2019 waqt li hi u bintha kienu qegħdin fl-i*spare bedroom* fuq sodod differenti jaraw *videos* fuq il-*mobile*. Hekk kif l-imputat wasal lura mix-xogħol, tela t-taraġ u

fetaħ il-bieb tal-kamra fejn tkellem bil-herra u nfexx f'tgħajjir, dagħa u mossi oxxeni. Ġibed il-*quilt* minn fuq it-tifla b'tant saħħa li xeħtilha l-*mobile* mal-art. F'dak il-ħin it-tgħajjir l-aktar li kien indirzzat kien lejn it-tifla, fejn qalilha "inti l-agħar waħda bejn oħtok il-kbira, ommok u int" u beda joffendiha "bid-demm tagħha". Hekk kif it-tifla qamet biex tiġbor il-*mobile*, l-imputat beda jagħti bil-ponn mal-ħajt u f'ħin minnhom ħabbtilha rasha mal-ħajt. F'dak il-mument ix-xhud sgiċċat 'il barra mill-kamra u ċemplet għall-assistenza tal-Pulizija. Sadanittant il-kelb, tar-razza *Maltese Terrier*, beda jinbaħ, presumibbilment minħabba l-kommossjoni, u l-imputat ċapċaplu tliet daqqiet fuq wiċċu. Ix-xhud ġibdet il-kelb lejha biex tipproteġieh u l-imputat taha daqqa b'idu fuq ġenbha li ħalliet marka. F'dak il-ħin it-tifla reġgħat intervjeniet u qalet lil missierha "le, lill-mummy ma ssawwatiex," u ma' dan reġa' beda jagħti bil-ponn mal-ħajt u reġa' ħabbat ras it-tifla, din id-darba ma inkwatru li kien mal-ħajt. Eventwalment daqqet il-qanpiena u t-tifla fetħet permezz tal-*intercom*. Kienu waslu l-Pulizija. Fost it-tgħajjir li l-imputat qal lix-xhud, qalilha li hi "lesbjana", li "għandha iswed", li "magħmula minn demm qares" u li "nisa bħalek ħaqqhom min iħanxarhom". Il-Pulizija kkalmaw is-sitwazzjoni u filwaqt li ħadu lill-imputat magħhom l-Għassa, iddiriġew lix-xhud u bintha sabiex imorru ċ-Ċentru tas-Saħħa, fejn it-tnejn ġew invistati mill-istess tabiba. Ix-xhud spjegat kif dan ma kienx inċident iżolat u kien hemm diversi drabi qabel li l-imputat kien aggressiv magħha u maż-żewġ ulied. Minkejja li kienu għaddejin minn proċeduri ta' separazzjoni, kienu baqgħu joqgħodu fl-istess dar iżda x-xhud kienet torqod fl-i*spare bedroom* mat-tifla. Mistoqsija mill-Qorti jekk tafx il-kawża tal-imġieba tal-imputat dakinhar x'kienet, ix-xhud qalet li f'dak l-episodju l-iktar li kien ikkargat kien għat-tifla għax hu kien qed jippretendi li għandha tħeġġeġ lil ommha sabiex tibqa' miegħu. In kontro-eżami, ix-xhud ikkonfermat li meta ġara l-inċident diġa' kien hemm proċeduri ta' separazzjoni pendenti. Eskludiet li hi u t-tifla kienu

kellmu lill-imputat waqt l-inċident ħlief biex jieqaf minn dak li kien qed jagħmel.

Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 xehdet **Martina Grima**, bint l-imputat. Hija spjegat li meta sehh l-incident, kienet fl-i*spare bedroom* flimkien ma ommha jistriehu u jaraw xi *videos* fuq il-*tablet*. Din kienet il-kamra fejn hi u ommha jorqdu. Ghall-habta tal-16:00 instema' l-bieb ta' barra jinfetah u l-imputat dahal, igerger u jitkellem vulgari. Meta tela' fuq, fetah il-bieb tal-kamra fejn kienu u beda jitkellem bil-herra. Kif induna li ma bdewx ikellmuh lura tilifha u gibed il-kutra li kellha fuqha x-xhud b'mod li tajjrilha l-*mobile* minn idha. Ix-xhud ma kellmitx lill-imputat izda qamet biex tigbor il-*mobile*. L-imputat beda jsabbat bil-ponn u beda jinsolenta lix-xhud u jghidilha "foxx kemm ghandek…int l-akbar liba tal-familja" fost kliem baxx iehor u dagha. F'dak il-mument, l-imputat habbat ras ix-xhud mal-hajt u sabbathielha mal-hajt. Meta rat hekk, omm ix-xhud harget mil-kamra biex iccempel lill-Pulizija. Meta dahlet lura, l-imputat infexx jghajjarha u jheddidha li ser "ihanxarha". Meta x-xhud marret biex tiddefendi lil ommha, l-imputat rega' habbtilha rasha mal-hajt u qaleb sodda minnhom bis-saqqu b'kollox. F'din il-kommossjoni kollha kien hemm il-kelb, li huwa *Maltese Terrier* zghir li beda jinbah hafna. Omm ix-xhud bdiet izzommu fuqha ghall-kenn, imma dan kien ghal xejn ghax l-imputat tah tlett daqqiet fuq wiccu bil-harta. Ir-raba' daqqa spiccat qalghatha omm ix-xhud biex skansatha lill-kelb. Wara dan l-imputat hareg 'il barra mill-kamra jidghi u jissuppervja u ftit wara waslu l-Pulizija fuq il-post. L-imputat gie mehud l-Ghassa u x-xhud u ommha marru c-Centru tas-Sahha tal-Furjana. Mistoqsija jekk tafx ghalfejn l-imputat gab ruhu hekk dakinhar, ix-xhud qalet li huwa kien ilu barra gurnata shiha u la hi u lanqas ommha ma kienu qalulu xejn, izda spjegat li l-aggressjoni min-naha tal-imputat kienet ilha gejja tant li sa lejliet kien akkuzaha li kienet f'konfoffa ma' ommha kontrih u li hi ma riditx li l-affarijiet bejnu u ommha jitrangaw. L-imputat kien jghidliha li

minkejja li kien xtralha karozza, kienet izzomm m'ommha, fejn hija kienet twiegeb li hija ma zzomm ma hadd u tghid biss il-verita`. Ix-xhud spjegat li hija sofriet gundalla fuq in-naha tal-lemin lejn wara ta' rasha. Kellha ukoll daqqa f'idejha. In kontro-ezami, ix-xhud stqarret li l-episodju dam bejn nofs siegha u tlett kwarti, cioe` minn x'hin wasal id-dar l-imputat sa ma waslu fuq il-post il-Pulizija. Ikkonfermat li waqt l-incident hija qaghdet kwieta biex forsi tikkalma s-sitwazzjoni. Ikkonfermat ukoll li meta sehh l-incident ommha u missierha kienu ghaddejin bi proceduri ta' separazzjoni personali.

Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 xehdet **Tracy Baldacchino**, ufficjal tal-Agenzija Appogg, li kkonfermat li l-ufficcju taghha kien gie mitlub jaghmel *risk assessment*, fuq l-omm, Stephanie Grima u t-tifla, Martina Grima, u rrizulta li t-tnejn kienu jinsabu f'riskju gholi. Ir-rapport gie jindika hekk minhabba li hemm ghadd ta' fatturi li jghollu r-riskju, fosthom li kien hemm kontroll minn naha tal-imputat, kien hemm aggressjoni fizika u abbuz emozzjonali, u dan fil-konfront kemm tal-omm kif ukoll tat-tifla. Kien hemm ukoll aggressjoni lejn l-annimali. Ix-xhud spjegat li waqt l-intervisti li saru, Martina Grima, kienet fi stat emozzjonali hafna u kien car li qed tghix fil-biza. Mill-investigazzjoni hareg ukoll li l-imputat ikun aktar aggressiv meta jikkonsma x-xorb alkoliku. Gie spjegat ukoll li ghalkemm l-incident centrali kien sehh fl-ahhar ta' Dicembru 2019, l-abbuz jidher li kien ilu ghaddej madwar erba' snin. In kontro-ezami, ix-xhud iccarat li l-imputat ma giex mitkellem fil-kors tal-investigazzjoni, li ssir skont *checklists* stabbiliti li jirrizultaw fir-rapport, li imbaghad iwasslu ghal punti, fis-sens li jekk ikun hemm erbatax-il punt jew aktar jigi kkunsidrat li hemm riskju gholi. Fil-kaz ta' Stephanie Grima kien 15, u fil-kaz ta' Martina Grima kien 16. Il-massimu li jista' jkun hemm huwa ta' 27.

Fl-istess seduta xehdet **Ilona Deguara**, ufficjal tal-Agenzija Appogg. Bhall-kollega taghha, ikkonfermat li kienet hadmet fuq ir-*risk assessment* relattiv ghall-persuni involuti. Ikkonferma li r-riskju kien gholi kemm ghall-omm kif ukoll ghat-tifla. In kwantu ta' fatturi ta' riskju kien hemm biza' ta' incidenti futuri u Martina, it-tifla, kellha biza' li missierha jasal li joqtol lil ommha. Irrizulta ukoll li kien hemm elementi ta' kontroll, theddid, aggressjoni lejn l-annimali u rapport precedent dwar vjolenza domestika. L-intervisti kienu saru fl-Ghassa tal-Hamrun. In kontro-ezami stqarret li l-mod kif issir l-assessjar tar-riskju huwa wiehed standard skont kriterji pre-stabbiliti. Kemm hi kif ukoll il-kollegi taghha jircievu tahrig professjonali dwar kif ghandhom isiru investigazzjonijiet dwar vjolenza domestika.

Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020 xehed **PS593 Raphael Attard Flores**, stazzjonat fl-Għassa tal-Ħamrun li stqarr li nhar il-31 ta' Diċembru 2019 għall-ħabta tal-17:00 daħal rapport dwar allegat argument familjari ġewwa r-residenza 64, Memories, Triq Giovanni Barbara, il-Ħamrun. Ix-xhud mar fuq il-post flimkien ma żewġ kollegi PC984 u PC508. Kif daħlu fil-fond sabu lill-imputat isfel u setgħet tinstama' kommossjoni mis-sular ta' fuq. Fil-kamra tas-sodda fis-sular ta' fuq kien hemm il-mara tal-imputat Stephanie Grima u t-tifla tiegħu Martina Grima ta' dsatax-il sena. Dawn spjegaw li huma kienu qegħdin fil-kamra tas-sodda meta daħal l-imputat u l-ewwel ħebb għat-tifla imbagħad għall-mara. Filwaqt li dawn ġew mitluba jmorru ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa, l-imputat ġie meħud l-Għassa. Eventwalment kien ġie ppreżentat ċertifikat mediku li jgħid li kienu qed isofru minn ġrieħi dekritti bħala *slight save complications*.

Fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020 xehed **l-imputat Nazzareno Grima**.Huwa spjega li dakinhar tal-inċident huwa kien mar il-garaxx fejn jaħdem ta'

mastrudaxxa u għamel sal-16:00hrs. Qabel mar id-dar waqaf jixtri ħobża żgħira għax id-dar għax ħadd ma kien jippreparalu xejn. Is-sitwazzjoni ma kienitx tajba d-dar tant li kien ilu xahar ma jiekol minn hemm. Dakinhar, ftit wara li daħal għajjat lit-tifla imma ħadd ma wieġbu. Wara li kiel il-ħobża tela' fuq u hekk kif tela' sema ħoss ġej mill-kamra tat-tifla. Meta fetaħ il-bieb ra lil mara u lit-tifla fuq is-sodod bil-*mobile* f'idejhom. Huwa staqsa lill-mara "mort tagħmel xagħrek dalgħodu ħa tidher sabiħa għan-New Year's eve?" U skont hu, ma qal xejn aktar iżda ħares lejn it-tifla biex jara l-espressjoni tagħha u hi tienet pronta tgħidlu "taqbadx miegħi". Stqarr li fil-ġranet ta' qabel kien qal lit-tifla li tista' tagħmel aktar sabiex tipprova tirranġa s-sitwazzjoni ġewwa d-dar. Skont l-imputat, meta t-tifla qamet minn fuq is-sodda, hija bdiet ixxejjer idejha f'wiċċu u hu imbuttaha ġiex passi lura mal-ħajt u ta tlett daqqiet mal-ħajt hekk. F'dak il-mument il-kelb beda jinbaħ tant li ma ħallieħx jitkellem u hu ressqu b'idu biex joqgħod kwiet. Ħalef li huwa ma sawwatx la lit-tifla u lanqas lill-kelb. Fi kliem l-imputat, l-inċident kollu kien kwistjoni ta' ftit minuti. Mistoqsi mill-Qorti kif ġew il-ġrieħi li kellha l-mara, l-imputat qal li dawn "għamilhomlha l-kelb b'saqajh għax meta pprova jigdmu" u spjega li jista' jkun li t-tifla, "meta rassejtha mal-ħajt forsi ħabtet rasha". In kontro-eżami kkonferma l-istqarrija li kien ta lill-Pulizija.

**Ikkunsidrat**

**Provi imressqa**

Il-prosekuzzjoni esebit *Referral for Domestic Violence Unit* ta' martu Stephanie Grima[4] u ta' bintu Martina Grima.[5] Illi dawn ir-rapport ittiehdu dak in-nhar stess ta' l-incident, cioe nhar il-31 ta' Dicembru 2019. Illi l-istess *risk*

[4] Dok MG4, Folio 10-17 minn wara u quddiem
[5] Dok MG5, Folio 18-25 ta' l-atti processwali

*assessment*s gew ikkonfermati mill-ufficjali li haduhom fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2020.[6]

Illi mir-rapport ta' Stephanie Grima jirrizulta li kienu fil-process ta' separazzjoni u li xtaqet tkun segwita minn *social worker*.

Fir-rapport Stephanie Grima tinforma li l-griehi li gew kawzati lilha minhabba l-incident huma

*"Slapped her on the back. Bramt il-minkeb."*[7]

Ghar-rigward l-incident gie rapportat li

*"Martina and Mrs Grima were in their bedroom resting. Mr Grima allegedly came in swearing, he allegedly grabbed Martina's phone and threw it on to the floor. He continued insulting them, Martina got out of bed and went to the side of the room. As Mrs Grima saw her husband becoming aggressive with Martina, she went into the next room and called the police. She then returned to the room and tried stopping him. In the meanwhile the dog was barking, Mr Grima began hitting the dog, one of those hits reached Mrs Grima. Mrs Grima shared that the insults continued all throughout. Police eventually showed up, Martina and Mrs Grima went to file medical reports and then came for the risk assessment."*[8]

Tghid ukoll li waddab zarbuna lejha li kienet intiza ghal-kelb u li wegghu minhabba li kien qed jimbah u li jinsulenta lilha u l-familja mejta taghha.

In konkluzjoni, ir-rapport jindika li l-klassifikazzjoni tar-riskju huwa gholi (15).[9]

Fir-rigward ir-rapport li sar fuq Martina Grima, gie rapportat lil *risk assessor* li

[6] Xhieda ta' Tracey Baldacchino u Ilona Debono Folio 86-100 ta' l-atti processwali
[7] Folio 14 ta' l-atti processwali
[8] Folio 17 fuq wara ta' l-atti processwali
[9] Folio 14 fuq wara ta' l-atti processwali

*"he pushed her head against the wall, pushed her onto the bed – medical report resulted as 'slight save complications.'*[10]

Mir-raport irrizulta wkoll li l-imputat kien wegga lil omm u lil kelb taghhom.

In konkluzjoni ir-rapport ta' Martina Grima jindika li l-klassifikazzjoni tar-riskju huwa iktar gholi minn ta' l-omm (16).[11]

Fir-rigward l-incident li kien sehh, Martina Grima irraportat lil *risk assessor*

*"Ms Grima alleged that today about 5pm she was in the bedroom with her mother and suddenly Mr Grima went into their room and starting shouting. Ms Grima stated that Mr Grima got angry and took her mobile, threw it on the floor and step on it. In addition Ms Grima alleged that then he pushed her to the wall resulting in hitting her head to the wall. Ms Grima alleged that her mother tried to split them up and Mr Grima punched the dog and slapped her mother in the back while she was protecting the dog.*

*Ms Grima stated that today is the first time that he was physically violent towards her, however not the first time that Mr Grima was abusive towards her mother."*[12]

Mix-xhieda ta' Tracey Baldacchino irrizulta li s-sitwazzjoni god-dar ma kienitx wahda tajba u li qabel dan il-incident, Stephanie u Maria Grima ma kienux qeghdin jghixu hajja komda u serena ma l-imputat minhabba diversi fatturi li wasslu lil omm sabiex tibda proceduri ta' separazzjoni mill-imputat.

Il-prosekuzzjoni esebit zewg certifikati medici ta' Stephanie Grima u Martina Grima mahruga mic-centru tas-Sahha tal-Floriana maghmul nhar il-31 ta' Dicembru 2019 fil-hamsa u nofs ta' filghaxija mit-tabiba Dr. Maria Grazia Grech MD., Reg No. 4425.[13]

[10] Folio 22 ta' l-atti processwali
[11] Folio 23 ta' l-atti processwali
[12] Folio 25 ta' l-atti processwali
[13] Dok MG6, Folio 26 u 27 ta'l-atti processwali

Ic-certifikat mediku ta' Stephanie Grima jikonstata l-griehi bhala hfief salv kumplikazzjonijiet u jindika li kien hemm

*"1.Abrasion 2cm by 2cm R elbow, 2. slight erythema and 1cm linear bruise over L middle back."*[14]

Ic-certifikat mediku ta' Martina Grima jikonstata l-griehi bhala hfief salv kumplikazzjonijiet u jindika li hemm

*"1. Swelling over R parietal side of hid 4cm wide and 6 cm long, 2. Swelling tenythema over R side of face, 3. Scar 0.5cm in length over L middle finger proximal phalangeal area."*[15]

Illi dawn iz-zewg certifikati medici gew ikkonfermati mit-tabiba Dr. Maria Grazia Grech fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2020.[16] Ix-xhud ikkonfermat li dawn il-griehi fuq il-vittmi graw allegatament minn incident ta' vjolenza domestika u li kienu saru *"minn relative taghha"* izda ma indikawx minn kien din il-persuna.

Mix-xhieda ta' PS593 Raphel Attard Flores irrizulta li l-pulizija attendew fuq il-post in kwistjoni minhabba li gie rapportat incident ta' vjolenza domestika. Ix-xhud ikkonferma li rrikorra fuq il-post flimkien ma PC 984 u PC 508. Meta wasslu *"meta fetħu l-bieb instema xi ghajjat mis-sular ta' fuq."*[17] Meta tkellmu mal-vittmi, spjegawlhom li kienu fil-kamra tas-sodda li l-imputat hebb ghalihom it-tnejn. Illi dan kollu gie rraportat fl-okkorenza tal-pulizja maghmula mix-xhud u esebita u ffirmata minnu.[18]

[14] Folio 26 ta' l-atti processwali
[15] Folio 27 ta' l-atti processwali
[16] Folio 50-53 ta' l-atti processwali
[17] Folio 110 ta' l-atti processwali
[18] Dok RAF1, Folio 115-117 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Ix-xhieda tal-vittmi**

Mix-xhieda ta' Stephanie Grima irrizulta li kien sehh incident nhar il-31 ta' Dicembru 2019 ghal habta ta' l-erba' wara nofs in-nhar gewwa d-dar taghhom Memories, 64, Giovanni Barbara Street, Hamrun.

Meta sehh dan l-incident, hi u bintha Martina kienu fuq soddod separate gewwa l-kamra tas-sodda bil-bieb maghluq. Gie l-imputat dahhal fil-kamra, sabat il-bieb mal-hajt u beda jkellimhom b'mod oxxen u pastaz, jghajjarhom u jghid kliem vulgari. Sussegwentement gibed il-*quilt* minn fuq it-tifla, u tefalgha l-*mobile* taghha ma' l-art. It-tifla qamet minn fuq is-sodda ghalih u l-imputat beda jaghti bil-ponn mal-hajt u lit-tifla *"f'hin minnhom habtilha rasha."*[19]

Ix-xhud spjegat ukoll li l-imputat capcap tlett daqqiet fuq wicc il-kelb li f'dan il-mument kien qed jinbah.

Wara l-imputat beda jersaq lejha izda t-tifla marret biex tiddenfendi lill-ommha u qalet skond ix-xhud *"Le. Lill-mummy ma ssawwatiex."*[20] Fil-frattemp gibdet il-kelb biex ma jaqlax daqqa u l-imputat ta daqqa go gembha, u l-marka ta' din id-daqqa kienet ghadha tidher meta gew il-pulizija.

Fuq mistoqsija tal-Qorti dwar kif l-imputat tah id-daqqa, ix-xhud spjegat:

*"B'kemm sahha kellu bil-hamest iswaba u jiena bqajt biex, biex nevita l-kelb dahhaltu go rokna l-kelb ta' bejn il-komodina u s-saqqu li kien hemm maqlub u hekk. Sadanittant kif it-tifla qaltlu: 'Le. Lill-mummy ma ssawwatiex.' rega' beda jaghti bil-ponn mal-hajt u hi bejnietu u rega' habtilha rasha mal-inkwatru tal-Madonna."*[21]

[19] Folio 58 ta' l-atti processwali
[20] Folio 59 ta' l-atti processwali
[21] Folio 59 u 60 ta' l-atti processwali

In kontro ezami x-xhud baqat itteni li l-imputat ma kellu ebda raguni biex gab ruhu kif ghamel u hasbet biss li forsi gab ruhu hekk ghax ried li t-tifla tghidilha biex jirrangaw.

Mix-xhieda ta' Martina Grima irrizulta l-istess sensiela ta' fatti fis-sens li hi u ommha kienu fil-kamra tas-sodda, fuq soddod separati nhar il-31 ta' Dicembru 2019 meta dahal l-imputat fil-kamra u inqala incident bejniethom.

Dwar l-incident, ix-xhud spjegat kif dahhal fil-kamra taghhom u sabbat il-bieb bis-sahha. Meta ra li ma kienux qed ikellmuh lura, kompla jirrabja, nehhiela l-*quilt* minn fuqha u tghajrilha l-mobajl li gie taht is-sodda. Meta qamet biex tigbor il-mobajl, giet bejn iz-zewg soddod u missierha quddiemha. Dak il-hin

*"Hu, beda jsabbat, bil-ponn mal-hajt, quddiemi, jigifieri, hu qieghed faccata tieghi, hekkk, close ta' xulxin, hu beda, sadanittant, jitkellem baxx hafna, beda jidghi, u beda jghajjarni."*[22]

Tkompli tghid:

*"…jiena, ma kellimtux, u kif ra li jiena mhux qed inkellmu, baqa' jirrabja, u, sabbatli rasi mal-hajt. Kif rat il-mummy, illi l-affarijiet se jkomplu jiggravaw, u jeskalaw, harget mill-kamra, cemplet lil-pulizija, ghax rat, illi ha jerfa' jdejh fuqi, jigifieri…"*[23]

Meta ftit wara rat li l-imputat kien ha wegga lil ommha, marret sabiex tiddefendiha u *"rega' sabbatli rasi mal-hajt. Imbaghad, rega' dar ghall-mummy, u kompla jsir aggressive, qaleb is-sodda, waddab l-imhadda n-naha l-ohra tal-kamra, u kif kien ha, kif qaleb is-sodda, bis-saqqu b'kollox, il-mummy giet f'rokna, fin-naha l-ohra tal-kamra, u, kien hemm il-kelb, vicin hafna tas-sodda."*[24]

Martina Grima tul ix-xhieda kollha taghha ddeskreviet il-kliem vulgari u ta theddid li beda jghidilhom it-tnejn kif ukoll li ta tlett daqqiet lill-kelb taghhom

[22] Folio 72 ta' l-atti processwali
[23] Folio 73 ta' l-atti processwali
[24] Folio 73 ta' l-atti processwali

tar-razza *Maltese terrier.*[25] Illi ommha sabiex tipprotegi l-kelb spiccat qalghat daqqa mill-imputat fuq darha.

Ix-xhud, meta kienet mistoqsija mill-Qorti ghalfejn l-imputat gab ruhu b'dan il-mod maghhom stqarret li ma tafx ghalfejn ghamlilhom hekk ghaliex huma kienu ghadhom ma rawhx il-gurnata kollha u huma lanqas biss kienu kellmuh.[26]

Iz-zewg vittmi spjegaw li l-attegjament ta' l-imputat kien sejjer ghal-ghar maghhom u li ma kienitx l-ewwel darba li mexxa b'dan il-mod hazin fejn refa' idejh fuqhom u kellimhom b'mod hazin. In fatti skond l-istess xhieda, kien propju minhabba dan il-attegjament li Stephanie Grima kienet bdiet proceduri ta' separazzjoni mill-imputat.

Illi dawn il-verzjonijiet mill-vittmi gew ukoll spjegati bl-istess mod lill-ufficjal tal-probation meta gie mhejji s-*social inquiry report.*[27]

**Ikkunsidrat**

**Il-verzjoni ta' l-imputat**

**Stqarrija**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[28] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-1 ta' Jannar 2020, u cioe l-ghada ta' l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Hamrun fil-prezenza ta' l-Ispettur Matthew Galea u ta' PC 984 K. Souness u dan wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-

[25] Folio 74 u 75 ta' l-atti processwali
[26] Folio 77 ta' l-atti processwali
[27] Folio 142 ta' l-atti processwali
[28] Dok OS6 Folio 18-20 ta' l-atti processwali

drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.[29]

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma ssirlu xi investigazzjoni jew interrogazzjoni jithalla, kemm jista' jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghazel li ma jezercitax dan id-dritt u ma ghamilx kuntatt ma' avukat jew prokuratur legali.

Illi fl-istqarrija l-imputat Nazzareno Grima ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna. Illi mill-istqarrija jirrizulta li l-imputat kien prezenti fuq il-post fejn sehh l-incident. L-imputat spjega li hu qatt ma hedded lil-martu u ta x'jifhem li dan kollu huwa frott ta' inkwiet matrimonjali dawn l-ahhar erba' snin. Fil-prezent kienu ghaddejin medjazzjoni sabiex jinidirrizaw dawn il-kwistjonijiet bejniethom u jisseparaw ghalkemm jixtieq li jirranga s-sitwazzjoni. Skond l-imputat, martu u bintu Martina ma jikalkulawhx god-dar fejn kollha jghixu. Dak in-nhar, kien lejliet l-ewwel tas-sena u sar jaf li l-familja tieghu kienu kollha hergin minghajru. Meta wasal id-dar sab lil-martu u bintu fil-kamra tas-sodda u meta mar ikellem lill-martu inqala argument.

Madankollu cahad li qatt sawwat lil-martu jew lil-bintu.

*"L-bierah umbghad bdejt nghajjat u nichad li sawwatt lil mara jew lit-tifla. Kelli rabja kbira imma bdejt nghati fuq il-hajt. Bdejt nghid lil Martina ghala qed tghamilli hekk u il-kelb li marti bdiet izzommhu maghha nahseb li girfilha dahra lil marti."*

….

*Jien diga qed nghidlek il-mara ma missejthiex zgur, nahlef, u lit-tifla ma missejthiex lanqas kull ma ghamilt tajt daqtejn mal-hajt."*[30]

[29] Dok MG8, Folio 28 ta' l-atti processwali

L-imputat jispjega li dan il-glied kien gieli jinqala minn zmien ghal zmien u li minkejja kollox kien jara li t-tfal tieghu iktar jigbdu lejn ommhom.

Fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2020, id-difiza ta' l-imputat ezentat lill-prosekuzzjoni milli ttella' lill-PC 984 u PC299 ghar-rigward il-prova ta' l-istqarrija ta' l-imputat.

**Xhieda**

Illi nhar it-22 ta' Ottubru 2020 l-imputat ghazel li jaghti x-xhieda b'mod volontarju, viva voce, quddiem il-Qorti.

Fix-xhieda tieghu jispjega li kienu ilhom xi zmien xahar ma jitkellmux bhala familja, la jieklu flimkien, hadd ma jippreparalu ikel u lanqas jorqod fl-istess kamra ma martu. Tela fil-kamra tas-sodda fejn kienu u sabhom it-tnejn fuq is-soddod jaraw il-mobajls. Peress li kien ra lil martu ghand tax-xaghar aktar kmieni saqsiha jekk ghamlitx xaghra u dan minhabba l-fatt li sar jaf li dak in-nhar fil-ghaxija kienu hergin festin ta' l-ewwel tas-sena u kienu xtraw zewg biljetti li jiswew tliet mija u sittin Ewro u kienu sejrin minghajru. Lit-tifla ma kellimihiex u sempicement ghamlilha mossa b'wiccu biex juriha li xtaq ikun jaf ghalfejn mhix qed tkellmu.

Skond l-imputat it-tifla qamet mis-sodda u bdiet tghidlu biex ihalliha bi kwieta u bdiet ixxejjer idejha f'wiccu.

*"Nizziltilha idejha 'l isfel, imbuttajtha giex passi lura mal-hajt fejn, fejn, fejn suppost hemm il-kommodina fin-nofs ma kien hemm xejn u tajt tliet daqqiet mal-hajt hekk."*[31]

L-imputat tenna u insista li qatt ma ghamel xejn lil martu u lil bintu.

*"Nahlef li ma missejthiex b'subghajja la lilha u anqas il-mara."* L-istess jinsisti ghar-rigward il-kelb u kull ma ghamel huwa li warrab il-kelb u mhux tah id-

[30] Folio 8 fuq wara
[31] Folio 125 ta' l-atti processwali

daqqiet. Ir-raguni ghalfejn warrab il-kelb kien ghaliex kien qed jinbah u ma setax jitkellem bih ghaliex skond l-imputat il-kelb jaghmel l-arja meta ikun f'idejn martu.

*"jien la lqatt il-kelb u anqas ilqatt lilha anzi nahlef li ma missejtx subghajja z-zghir mal-flokk taghha."* [32]

L-imputat tenna li beda issabat mal-hajt biex jirraguna mat-tifla u jifhem ghalfejn hi qed taghmillu hekk meta hi kienet l-iktar wahda li ggiba minnhom.

Mistoqsi mill-Qorti x'ghandu xi jghid dwar il-griehi li soffrew martu u bintu, l-imputat tenna

*"Magistrat: Dawn xi tghid fuqhom?*

*Nazzareno Grima: Ghamilhomlha l-kelb b'saqajh ghax meta pprova jigdimni lil meta ghamiltlu hekk*

*Magistrat: Int qed tghid li l-kelb ikkaguna dawn lill-mara u lit-tifla?*

*Nazzareno Grima: Ehe, giex girfet, giex girfet."*[33]

Mistoqsi dwar il-girehi li soffriet bintu jispjega

*"Jien ma nizlilhiex idejha? Ressaqtha giex passi lura, mhux imbuttajtha ta', imxejna hekk, hi resqet lura giet mal-hajt u jien tajt tliet daqqiet mal-hajt hekk. 'Int qed taghmilli hekk l-iktar wahda li ngib? Ghidtilha. Ma tarax. Jien se nsawwat lit-tifla?"*[34]

….

*"Issa jista' jkun, jista' jkun, jista' jkun meta rassejtha mal-hajt forsi habtet rasha imma mhux imbuttajtha jien jew xi haga din ta' jew tajtha xi daqqa iktar u iktar.*

[32] Folio 125-126 ta' l-atti processwali
[33] Folio 128 ta' l-atti processwali
[34] Folio 130 ta' l-atti processwali

*Kull ma għamilt bir-rabja li kelli fuqi tajt tliet daqqiet hawn u hi rasha kienet qiegħda hawn u tajt tliet daqqiet hekk mal-ħajt."*[35]

L-imputat żied jgħid li kienu ilu jissaporti affarijiet qabel dan il-inċident.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet**

Meta jiġu mqabblin l-istqarrija ta' l-imputat u x-xhieda tiegħu joħroġ kuntrast fir-rigward ta' l-imġieba tiegħu lejn bintu. Fl-istqarrija jiċħad li qatt mess lil bintu, mentri waqt ix-xhieda tiegħu jgħid li hu baxxilha idejha u imbuttaha u rassa mal-ħajt. Fir-rigward il-mara, jiċħad kemm fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda tiegħu li messa u jsostni li l-griehi li ġrawlha kienu tort tal-kelb li ġirifha f'darha. Madankollu filwaqt li ċ-ċertifkat mediku ta' Stephanie Grima jindika *abrasion 2cm by 2cm R elbow* jgħid ukoll li kellha tbenġil f'daharha fil-parti t'isfel.

Illi l-Qorti mhix konvinta mill-verżjoni ta' l-imputat u tqis li ma tirrapreżentax verżjoni ċara u eżatta ta' kif vera ġraw l-affarijiet. Il-Qorti tara li l-imputat filwaqt li jikkonċedi li kellu involviment fl-inċident jipprova imajna u jitfa responsabilita fuq fatturi oħrajn, bħal per eżempju li kelb ta' razza notevolment żgħira, ikaguna tbenġil f'dahar martu, u li bintu setgħet weġgħet meta imbuttaha.

Li joħroġ biċ-ċert kemm fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda viva voce huwa li l-imputat kellu rabja kbira u frustrazzjoni dwar il-fatt li ma setgħax jerġa jirranġa ma' martu u deher li ma kinux ser jitwaqqfu l-proceduri ta' separazzjoni.

[35] Folio 131 ta' l-atti proċesswali

Illi minn dak kollu li semghet u ezaminat il-Qorti ma jirrizultax li l-imputat kellu ebda gustifikazzjoni jew mottiv li jiggustifika l-imgieba ma martu, ma bintu u l-kelb taghhom. Il-Qorti tosserva li filwaqt li x-xhieda tal-prosekuzzjoni tiddeskrivi mohqrija fuq il-kelb taghhom billi l-imputat ta daqqiet lill-kelb, din il-Qorti ma tqisx li l-prosekuzzjoni ressqitx akkuzi prova relatati ma' abbuz fuq l-annimali.

L-imputat la kien ipprovokat jew instigat minn xi azzjoni li tista b'ebda mod toffri spjegazzjoni ta' l-attegjament tieghu. Filwaqt li jigi apprezzat li l-familja kienet ghaddejha minn perjodu sensittiv fejn kienet fil-process li tinfired, certament li dan it-tip ta' attegjament ghall-arrieda ma jghinx u jkompli jkabbar il-ferita bejn il-membri tal-familja.

Di piu, il-Qorti osservat li l-imputat fil-waqt li nnega l-imgieba tieghu qatt ma wera dispjacir ghal parti ta' l-ghemil li tieghu kien refa responsabilita u temergi stampa ta' persuna li ha certu liberta fl-imgieba tieghu lejn dawk in-nies li suppost kienu l-iktar qrib f'hajtu.

Mix-xhieda tal-vittmi, ikkoroborata b'provi dokumentarji ta' certifkati medici u *risk assessments*, il-Qorti tqis li dak li xhedu kien mis-sewwa u verosimli. Il-Qorti tikkunsidra li dak li xhedu kien veritier u car dwar l-incident u jiprovdi konviciment morali lill-Qorti li l-incident sehh kif iddeskrivew u li sussegwentement gie kkoroborat minn professjonisti ohra.

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **The Police vs Yilmaz Azlan**[36] fejn gie ritenut:

*"the court has to conduct a certain exercise when assessing a witness to see whether he is saying the truth or otherwise and follows the above guidelines. However, these guidelines are not exhaustive. The law leaves such matters of discretion in the hands of the Judge who has to analyse such evidence in seeing whether for example a witness*

[36] Decided by the Court of Criminal Appeal on the 18th June 2019 – Appeal No. 438/2014

*is credible or not, sees whether he has an ulterior motive to testify in the manner he did, to examine his behaviour and how he acted whilst on the witness stand and how he answered the questions put forward to him. In carrying out such an examination the court will be in a position to judge whether such witness is saying the truth, whether such evidence is consistent with what was said by the same witness earlier on if for example he himself is makes contradictions in his own testimony or whether there are other facts which disapprove what is being said by the witness. These are but a few examples because the law does not provide any hard rules on the judge as to how he is to carry out such examination. But it is imperative that the judge is free to use his own discretion to see where the witness takes him A judge can believe a witness in whole, in part or not at all".*

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi fir-rigward l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u sejra tghaddi sabiex issib htija dwarhom.

**Ikkunsidrat**

**It-tielet u r-raba' imputazzjonijiet**

L-imputat tressaq tali ghamel reat skont l-artikolu 251A(1)(a)(b) u 251B tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 251A(1)(a)(b) jghidu:

*251A. (1) Persuna li:*

*(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew*

*(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun tafli dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; jew*

L-artikolu 251B jghid:

*(1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħujew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti,dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imisshatkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekkjibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-pienata' priġunerija għal żmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhuxinqas minn sitt elef u ħames mitt euro (€6,500) u mhux iżjed minnħmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u priġunerijaflimkien.*

*(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġiebatagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun se tikkaġunabiża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekkpersuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb lidik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni.*

*(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:*

*(a) l-imġieba tagħha kienet adottata fiċ-ċirkostanzimsemmija fl-artikolu 251A(3)(a) jew*
*(b); jew(b) l-imġieba adottata kienet waħda raġonevoli għall-ħarsien tagħha nnifisha jew ta' ħaddieħor jew għall-ħarsien tal-proprjetà tagħha jew ta' ħaddieħor.*

Fir-rigward dak li tipprovdi dan l-artikolu, il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Raymond Parnis** fejn gie ritenut:

> *Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi*

*testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:*

*'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'*

Skond **Blackstone Criminal Practice**:

> *D's conduct must cause the complainant to fear that violence will be used against him; it is not sufficient for it to frighten the complainant as to what might happen (Henley (2000) Crim LR 582; Caurti v DPP (2002) Crim LR 131). It is always a question of act (Caurti and R (Simon Howard) v DPP (2001) EWHC Admin 17) and, whilst it can sometimes be inferred from the evidence, there should, if possible, be direct evidence from the complainant (R vs DPP (2001) Crim LR 396; Cuarti)....the prosecution must prove that the conduct in quesiton was targeted at an individual, that it was calculated to produce the consequences described in s 7 of the Act (alarming the person or causing the person distress) and that it was both oppressive and unreasonable (see Haque at (70)-(73))'*[37]

Mix-xhieda tal-vittmi jirrizulta li l-omm u l-bint kienu ilhom ikollhom problemi ma l-imputat u li dawn kienu aggravaw fil-gimghat qabel l-incident meta bdew il-proceduri ta' separazzjoni bejn Stephanie Grima u l-imputat. Ma kienitx l-ewwel darba li refa' idejh fuqhom u t-tghajjir u l-insulenti kienu frekwenti tant li l-omm dahhlet torqod fil-kamra ta' bintha u li fl-ahhar xhar kienu qed jghixu hajjithom b'mod separate kemm jista jkun mill-imputat. Mix-xhieda ta' Martina Grima, jirrizulta li sal-gurnata ta' qabel kienu ukoll prova ihebb ghaliha u kellha tintervjeni it-tifla l-kbira biex tiddefendi lill ohta.

Fir-rigward tad-difiza li seta ressaq ghar-rigward dak li jipprovdi l-artikolu 251B(3) tal-Kodici Kriminali, ma irrizultax li l-imgieba ta' l-imputat jista jigi meqjus bhala ragonevoli sabiex jipprovi ghal-protezzjoni tieghu jew ta' haddiehor jew xi propjeta. M'hemmx dubju li l-*course of conduct* tieghu ma kienitx minhabba sabiex isegwi xi ligi jew regolament iehor u mill-osservazzjonijiet tal-Qorti ma irrizultax li l-imgieba tieghu u r-reazzjonijiet tieghu mal-familja tieghu huma ragonevoli.

[37] Blackstone Criminal Practice, 2015, Oxford, Section B2.186, p. 297

Madankollu huwa ben risaput u stabbilit li l-artikolu 251A u 251B tal-Kodici Kriminali jehtiegu *course of conduct*. Din il-Qorti tqis li l-*course of conduct* mhux biss irid jirrizulta mill-provi, u li l-istess kondotta trid tirrizulta fil-konfront ta' persuna wahda identifikata[38], izda li l-imputazzjoni trid tkun formulata u postulata b'tali mod li l-*course of conduct*, rizultanti f'aktar minn okkazzjoni temporali wahda, ikun jiffigura f'dik l-imputazzjoni.

Illi f'dan il-kaz, l-imputazzjoni tirreferi biss ghal incident wiehed, senjatament dak tal-31 ta' Dicembru 2019 ghall-habta tal-ħamsa ta' filghaxija (17:00hrs) u l-istess imputazzjoni ma ssemmix zminijiet ohra, jiem jew dati ohra, jew imqar hinijiet ohra. Ghalkemm b'mod generiku, il-partijiet civile jsemmu z-zmien ta' qabel, din il-Qorti ma tqisx li dan kien ikun bizzejjed biex issib htija taht dawn l-akkuzi, tenut kont tar-rekwizit tal-*course of conduct*.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[39] Illi l-fedina penali hija kwazi netta ghajr ghal sentenza wahda registrata kontra l-imputat fid-29 ta' Novembru 1999 u hija fir-rigward reati relatati mas-sewqan. Mill-bqija l-imputat m'ghandu xejn iktar registrat fil-konfront tieghu.

---

[38] Ara per ezempju **Il-Pulizija vs Reno Azzopardi et** (Appell Kriminali deciz fit-28 ta' Frar 2018 per Onor. Imh. Edwina Grima)

[39] Dok MG1, Folio 7 minn wara u quddiem

- Id-difiza fl-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2020 talbet sabiex jigi imhejji *Social Inquiry Report* li sussegwentment gie esebit mill-ufficjal tal-probation.[40] F'dan ir-rapport irrizulta li l-vittmi illlum il-gurnata jixtiequ kuntatt mill-inqas mal-imputat u dan sabiex jghixu hajjithom b'serenita' u paci. Mill-verzjoni li ttiehdet lill-imputat u lil huh Lorry Grima ma jidhlux fuq il-mertu ta' l-incident jew jispjegaw jew jesprimu sentiment dwarha. In konkluzjoni l-ufficjal tal-probation jirrakomanda li jinhareg ordni ta' protezzjoni a favur il-vittmi.
- Il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex titratta dan ir-reat bhala wiehed ta' vjolenza domestika. Illi bla dubju ta' xejn ma jistax jinghad li dawn it-tip ta' reati fuq membri tal-familja huma ghal kollox deplorabbli kif ukoll atti li ssiru minn genituri ghal fuq it-tfal li ghandhom isservu u jaghtu ezempju u mhux joholqu jew jikkontribwixxu ghal ambjenti go familji li jkunu intollerabbli u ta' dwejjaq ghal min irrid jissaporti jghix fihom.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 202(h)(i)(iii), 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 339(1)(e), 251B, 251A, 382A, 383, 384, 385, 412C, 412D u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Nazzareno Grima mhux hati tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni u minnhom tilliberah minn kull htija u piena, izda ssibu hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni dedotti kontrih u a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-llum.

[40] Folio 138-153 ta' l-atti processwali

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' u l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament sabiex ikompli jindirizza l-problemi ta' rabja li ghandu ghal perjodu ta' sena millum.

Komunika: Direttur Probation u Parole

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħati Nazzareno Grima taħt obbligazzjoni tagħhomu personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412C(8)(a)(b)(c) tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni kontra l-hati a favur ta' Stephanie Grima u Martina Grima ghal perjodu ta' sena bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghall-protezzjoni tal-vittmi u dan billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-hati milli javvicina, jikkuntattja, jimmolesta jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-vittmi.

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar is-17 ta' Gunju 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**